***Worksheet* S6.2.5**
X'kienet tfisser ir-rebħa tal-Kavallieri u l-Maltin?

**X'KIENET TFISSER DIN IR-REBĦA?** *(materjal miġbur minn George Calleja)*

1. Malta dehret bħala t-tarka tal-Kristjaneżmu u t-Torok ma reġgħux attakkawha.
2. Il-Prinċpijiet Insara fehmu iżjed l-importanza ta' Malta u għenu billi bagħtu l-flus għall-bini tal-Belt Valletta (li beda mill-ewwel wara l-Assedju).
3. Il-Kavallieri ddeċidew li jibqgħu Malta u ntrabtu iżjed mill-qrib ma' pajjiżna tant li bdew jissejħu l-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann ta' Malta.
4. Il-ġid f'pajjiżna beda jikber u Malta bdiet it-triq tal-progress.

**A: Imla l-vojt bil-kliem mogħti.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| tarka | Ewropej | swar | ssewwi |
| il-Papa Piju V | ta' Malta | Sulejman | b'nofs qalb |
| fl-assedju | Il-popolazzjoni | kapitali | progress |

Il-fatt ħlli t-Torok Ottomani tas-Sultan ______________________________ ma rnexxilhomx jirbħu l-Gżejjer Maltin fis-sena 1565 kellu effett kbir fuq l-istorja ta' pajjiżna u anki fuq il-pajjiżi ______________________________ .

Il-Kavallieri li kienu f'Malta ______________________________, issa għamlu kuraġġ biex jibqgħu f'Malta u anki bdew jissejħu l-Kavallieri ______________________________.

Malta issa saret ______________________________ importanti kontra l-qawwa tal-Misilmin fin-naħa t'isfel tal-Mediterran. Il-Kap tal-Knisja Nisranija, ______________________________, kif ukoll is-slaten u l-prinċpijiet Ewropej, raw il-ħtieġa ħlli Malta tiġi mgħejjuna sabiex tqum fuq saqajha malajr u tkun tiflaħ għal xi attakk ieħor fil-futur. Huma taw ħafna flus biex Malta tkun tista' ______________________________ u ssaħħaħ il-fortifikazzjonijiet li ġratilhom ħafna ħsara ______________________________, kif ukoll biex tkun tista' tibni fortifikazzjonijiet ġodda. Hekk nistgħu ngħidu li twieledet il-belt ______________________________ l-ġdida li kellu jkollha Malta, il-Belt Valletta, belt moderna, belt imdawra bi ______________________________ tassew b'saħħithom.

Dan kollu ġab ġid u ______________________________ kbir għal Malta. Malta qabdet it-triq biex issir pajjiż modern Ewropew. ______________________________ bdiet tiżdied bil-bosta.

**B: Għall-interess tagħna – Il-monument tal-Assedju l-Kbir**




Il-monument tal-Assedju l-Kbir jinsab fil-pjazza ta' quddiem il-qorti, il-Belt Valletta. Huwa xogħol l-iskultur Malti, Antonio Sciortino. Il-figura maskili f'nofs il-monument tirrappreżenta l-kuraġġ tal-Maltin, il-figura femminili fuq ix-xellug tirrappreżenta l-fidi Nisranija filwaqt li l-figura femminili l-oħra tirrappreżenta ċ-ċiviltà.